# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Mejju, 2017**

**Talba Nru: 150/2017 PM1**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Rico Chetcuti Gauci**
**ID 129584(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017) illi permezz tieghu is-socjeta' attrici kkontendiet illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tletin Ewro u wiehed u hamsin centezmi (€630.51) in kwantu ghal mija u disgha u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmi (€169.51) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti in konnessjoni ma' telefonija cellular fuq it-tariffa 'Liberty Max Pack Con' bil-kont numru 1.10986399, u in kwantu ghal erba' mija u wiehed u sittin ewro (€461) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti

provduti in konnessjoni ma' telefonija cellular fuq it-tariffa 'Smartphone 35' bil-kont numru 1.10987108 bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, inkluz l-ispejjez relatati mal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema ittra ggib in-numru 906/16 kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (fol 2 tal-process) permezz ta' liema, a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, l-istess xhud ikkonferma li l-intimat huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma mitluba u li din il-procedura kellha tigi intavolata peress illi l-intimat naqas milli jhallas is-somma mitluba minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas.

Ra r-rendikont anness mal-istess affidavit (fol. 3 et seq. tal-process).

Ra illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz (fol. 12), ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tas-16 ta' Mejju, 2017, tat-23 ta' Mejju, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2017 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal tilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mija u tletin Ewro u wiehed u hamsin centezmi (€630.51) in kwantu ghal mija u disgha u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmi (€169.51) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti in konnessjoni ma' telefonija cellular fuq it-tariffa 'Liberty Max Pack Con' bil-kont numru 1.10986399, u in kwantu ghal erba' mija u wiehed u sittin

ewro (€461) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti in konnessjoni ma’ telefonija cellular fuq it-tariffa ‘Smartphone 35’ bil-kont numru 1.10987108 bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, inkluz l-ispejjez relatati mal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta liema ittra ggib in-numru 906/16 kif mitlub.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**